MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 323/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josephine Grixti**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josephine Grixti, bint Anthony u Mary nee Oliva, imwielda fl-14 ta’ Novembru 1965, detentrici tal-karta ta’ l-identita` nru 534265M, talli fis-6 ta’ Lulju 2007 ghall-habta tad-9.40 pm, u fix-xhur ta’ qabel, fl-inhawi ta’ l-Imsida u Ta’ Xbiex, b’diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghall-skop ta’ prostituzzjoni, jew ghal skopijiet ohra immorali, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 63;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni tal-istess Josephine Grixti, iddikjaratha hatja skond l-imputazzjoni u kkundannatha ghoxrin (20) jum prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Josephine Grixti, minnha pprezentat fis-7 ta' Novembru 2008, li permezz taghha talbet ir-riforma tal-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti;

Peress li mill-imsemmija fedina penali jirrizulta bic-car li l-appellanti ghandha sensiela shiha ta' kundanni ghall-istess reat, u li sa issa l-qrati kienu dejjem manjanimi u kkundannawha biss multa jew prigunerija sospiza, izda jidher li l-istess appellanti baqghet tippersisti fix-xoghol taghha billi titlajja ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti ghal dik li hi l-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------